**QORTI TAL-APPELL**

**(Sede Inferjuri)**

**Onorevoli Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**

**B.A. Mag. Jur. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Seduta tal-Gimgha, 11 ta' Ottubru, 2019**

**Appell numru: 16/2018JVC**
**Wara sentenza tal-Ufficju tal-Arbitru (Att Dwar is-Sigurta' Socjali)**
**bin-numru: 326/18 datata 31 ta' Ottubru, 2018**

**Christopher Galea (KI 108476M)**

**vs.**

**Direttur Generali tas-Sigurta' Socjali**

**Il-Qorti**

1. Illi dan huwa appell tad-Direttur Generali tas-Sigurta' Socjali a tenur tal-Artikolu 109 tal-Kapitolu 318 tal-Ligijiet ta' Malta minn sentenza moghtija mill-Arbitru nhar il-31 ta' Ottubru, 2018 fejn gie ppronuncjat is-segwenti:

*"L-Arbitru:*

*Wara li ra in Atti:*

*L-Appell ta' Christopher Galea u r-risposta tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali ("DSS").*

*Id-dokumentazzjoni esebita.*
*Sema' sottomissjonijiet tal-appellanti u tad-Dipartiment.*

***Ikkunsidra s-segwenti:***

*Illi b'decizjoni tad-Direttur Generali datata 25 ta' Novembru 2015, l-appellanti kien gie nfurmat illi l-applikazzjoni tieghu ghall-Allowance tat-Tfal ghall-perjodu ta' bejn 5.07.14. sa Lulju 2015 ghat-tfal Henrica u Chrishmal giet michuda billi l-appellant ma kellux il-kura u kustodja tat-tfal.*

*L-appellanti spjega s-sitwazzjoni ta' bejnu u Marisa Galea u talab illi c-cekkijiet relatati mac-children's allowance ghandhom johorgu fuq ismu u huwa jaghti nofs l-ammont lil Marisa Galea.*

*Id-dipartiment spjega ulterjorment illi r-raguni tad-decizjoni tad-Dipartiment kien illi mal-applikazzjoni giet mehmuza dikjarazzjoni firmata mill-appellanti u Marisa Galea fejn hemm dikjarat li l-kura u kustodja tal-minuri kienet de facto f'idejn Marisa Galea.*

*L-appellanti sahaq li huwa qatt ma ffirma tali dikjarazzjoni. Ghal dan il-ghan tqabbad mill-Ufficcju tal-Arbitru Dr. Martin Bajada, espert kaligrafiku.*

*Fir-rapport tieghu, Dr. Bajada kkonkluda illi l-analisi huwa wiehed inkonklussiv fejn is-sottoskritt la jista' jikkonferma u lanqas jeskludi li l-firma fuq id-Dikjarazzjoni hija ta' Christopher Galea.*

*Din il-konkluzzjoni ghalhekk thalli d-dubju fis-sens illi ma hemmx ic-certezza jekk l-appellanti ffirmax id-dokument in kwistjoni. L-appellanti jiddikjara illi huwa qatt ma ffirma tali dokument. Gjaladarba hemm din l-incertezza fir-rapport, l-arbitru ghandu biss quddiemu din id-dikjarazzjoni kif ukoll id-dikjarazzjoni tal-avukat tal-appellanti (verbal 18 ta' Lulju 2018) illi kien ta parir lill-appellanti li ma jiffirma ebda dokument. Gie esebit ukoll rapport tal-avukat tat-tfal Dr. Stephanie Galea fejn hemm il-parir li t-tfal ikunu bbazati ghand l-appellanti b'access liberu pero' ta' ommhom.*

*L-arbitru, mill-assiem tal-provi jikkonkludi illi ghandu jimxi, f'dan il-kaz, fuq id-dikjarazzjoni maghmula quddiemu mill-appellanti illi huwa ma ffirmax id-dokumenti li wassal ghad-decizjoni tad-Dipartiment.*

*Konsegwentement l-appell huwa milqugh u ghaldaqstant l-Arbitru jordna lid-Dipartiment sabiex jemenda d-decizjoni tieghu in mertu."*

2. Illi d-Direttur Generali tas-Sigurta' Socjali hassu aggravat b'din id-decizjoni u ai termini tal-Artikolu 109 tal-Att dwar is-Sigurta' Socjali (Kapitolu 318 tal-Ligijiet ta' Malta) ntavola appell, bl-aggravji jkunu s-segwenti:

i. Apprezzament hazin tal-provi;
ii. Nuqqas ta' motivazzjoni adegwata fis-sentenza tal-Arbitru.

3. Illi l-appellat Christopher Galea preliminarjament issolleva n-nullita' ta' l-appell u dana stante li ma sarx fiz-zmien preskritt stabbilit fil-ligi. Fil-mertu rrisponda li l-fatti kienu jiggustifikaw il-konkluzjoni milhuqa mill-arbitru w'ghaldaqstant talab li l-appell jigi michud.

4. Din il-Qorti tqis li fl-ewwel lok ghandha tigi trattata din l-eccezzjoni preliminari tan-nullita' tal-appell dwar il-*fuori termine*, in kwantu, jekk din tirrizulta fondata, din il-Qorti tkun prekluza milli tinoltra ruhha oltre fl-aggravji mressqa mill-appellant Direttur Generali tas-Sigurta' Socjali.

Illi l-Artikolu 109 tal-Att dwar is-Sigurta' Socjali jistabbilixxi perjodu ta' tletin (30) jum li fih ghandu jigi ntavolat appell, liema jiem jibdew jiddekorru minn dakinhar li l-persuna nteressata tigi notifikata bid-decizjoni b'posta registrata. Hekk jiddisponi l-imsemmi artikolu:

*'(1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, appell minn deċiżjoni tal-Arbitru għandu jsir lill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fuq it-talba ta' kull persuna, inkluż id-Direttur, li kienet parti fil-proċedimenti quddiem l-Arbitru:*

*Iżda, meta persuna tmut fi żmien li jiġi bejn id-data tal-għoti tad-deċiżjoni tal-Arbitru u ż-żmien li matulu jkun jista' jsir appell skont is-subartikolu (2), jista' wkoll isir appell fuq talba tal-armla attwali jew tal-armel attwali, jew tal-eredi ta' dik il-persuna.*

*(2) Appell kif imsemmi qabel f'dan l-artikolu għandu jsir permezz ta' rikors fi żmien tletin jum mill-ġurnata meta d-deċiżjoni tal-Arbitru tkun twasslet bil-miktub permezz ta' posta reġistrata lil min jagħmel it-talba jew lill-benefiċjarju jew lid-Direttur, skont il-każ.'*

Illi fid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Daniela Zwack-Wandrey -vs- Messrs. In-Sight Ltd** datata nhar is-6 ta' Ottubru, 2010 rigward l-importanza tat-termini, gie kkwotat minn decizjonijiet precedenti fejn intqal:

*"Hekk inghad illi t-termini ghall-appell minn sentenzi "huma termini perentorji u dwarhom, di regola, ma hemmx possibilita' la ta' proroga, u lanqas ta' sospensjoni jew interruzzjoni, jekk mhux fil-kazijiet eccezzjonalment mil-ligi prevvisti. Ad ezempju, fejn il-gurnata ta' l-iskadenza tat-terminu tahbat nhar ta' Sibt jew il-Hadd jew xi gurnata festiva. Din in-natura nderogabbli tat-termini processwali ggib b'konsegwenza illi dwarhom ma jistghux jigu applikati provvedimenti sanatorji jew ta' rimessjoni, ankorke d-dekors inutili taghhom ma jkunx imputabbli lill-parti nteressata. Dan ghall-motiv illi dik l-improrogabilita' hi hekk necessarju ghal raguni ta' certezza u, ukoll, ta' uniformita'. Sewwa hafna gie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta illi «l-osservanza tat-termini stabbiliti fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u f'ligijiet ohra specjali li jirregolaw il-kondotta tal-proceduri quddiem il-Qrati u quddiem it-Tribunali huma ta' ordni pubbliku u ma jistghux jigu bl-ebda mod injorati u lanqas bil-kunsens tal-partijiet rinunzjati jew mibdula» ("**Giuseppi Caruana -vs- Charles Psaila**", Appell mill-Bord li Jirregola l-Kera, 21 ta' Marzu, 1997)". Ara*

*"**Salina Wharf Marketing Limited -vs- Malta Tourism Authority**", Appell Inferjuri, 12 ta' Dicembru, 2007."*

Tal-istess fehma hi d-decizjoni fl-ismijiet **Maurice Cefai et -vs- Doris Fenech** deciza nhar it-22 ta' Novembru, 2002 fejn gie deciz is-segwenti:

*"Dan igib bhala konsegwenza illi t-terminu procedurali ghall-proponiment ta' l-appell kellu jigi osservat strettament u 'ad unguem'. Din mhiex kwistjoni ta' formalizmu izda ta' mizura ta' dixxiplina processwali li mill-osservanza taghha tibbenefika l-andament kif imiss tas-sistema kollu."*

Huwa pacifiku illi l-ligijiet ta' procedura "si debbono osservara alla lettera e non per equipollens" (Vol XVIII pI p879). Dan ghaliex il-procedura hi konsiderata ligi ta' ordni pubbliku u in kwantu statwita mil-ligi "ma tistax tigi sostitwita bi procedura ohra, lanqas bil-kunsens tal-parti opposta. B'mod li l-eccezzjoni relattiva jekk ma tigix sollevata mill-parti l-ohra, jew tigi rinunzjata, ghandha tigi mill-Qorti sollevata 'ex officio'"(Vol XXXVI pI p204; Vol XLIV pI p421)

Illi din il-Qorti l-atti tad-decizjoni appellata minn fejn jirrizulta li din giet moghtija mill-Arbitru Dr Simon Micallef Stafrace nhar il-31 ta' Ottubru, 2018. Mill-process tal-Appell odjern jirrizulta li r-rikors tal-appell tad-Direttur tas-Sigurta' Socjali gie ntavolat nhar il-11 ta' Dicembru, 2018 u cioe' wiehed u erbghin (41) gurnata wara li nghatat is-sentenza tal-Arbitru.

Fil-process tal-Arbitru anness mal-atti tal-appell odjern ma hemm l-ebda prova konsistenti fil-'pink cards' jew xi tip ta' prova ohra li tista' tevidenzja meta din id-decizjoni giet innotifikata lill-partijiet inkluz lid-Direttur appellant. Il-Qorti tqis li dan huwa nuqqas serju hafna da parti tal-Ufficcju tal-Arbitru. Fin-nuqqas ta' prova fl-atti dwar meta gie notifikat id-Direttur Generali bid-decizjoni tal-arbitru appellata din il-Qorti ma tistax tasal ghall-konkluzjoni serena li l-appell gie ntavolat *fuori termine* stante li l-ligi specifikatament timponi li t-terminu jibda jiddekorri mid-data tan-notifika tad-decizjoni u mhux mid-data tad-decizjoni, w'ghaldaqstant ser tghaddi sabiex tichad l-eccezzjoni tal-*fuori termine* stante li ma gietx pruvata.

5. Illi l-fatti fil-qosor fil-kaz odjern huma li l-appellat Christopher Galea kien mizzewweg lil Marisa Galea u bejniethom kellhom zewg ulied. Huwa nkontestat li bejn Chrisotpher Galea u Marisa Galea kien hemm proceduri ta' separazzjoni li hadu fit-tul fosthom kwistjonijiet dwar kura u kustodja. L-appell odjern jirrigwarda talba tal-appellat Christopher Galea lid-Direttur Generali tas-Sigurta' Socjali datata 11 ta' Settembru, 2015 (esebita fl-atti bhala dok. A) sabiex huwa jithallas l-*allowance* tat-Tfal ghall-perjodu bejn il-5 ta' Lulju, 2014 u l-5 ta' Lulju 2015. Id-Dipartiment appellant cahad din it-talba ghar-raguni li fi hdan id-Dipartiment ghall-istess perjodu kienet giet intavolata dikjarazzjoni ffirmata miz-zewg genituri datata 4 ta' Settembru, 2015 (wkoll esebita fl-atti – dokument B) fejn kien hemm dikjarat li l-kura u l-kustodja tal-minuri kienet de facto f'idejn l-omm Marisa Galea. Id-Dipartiment jinsisti li dan id-dokument datat 4 ta' Settembru, 2015 iffirmat minn Christopher Galea gie sahansitra anness mal-applikazzjoni tal-istess Christopher Galea prezentata nhar il-

11 ta' Settembru, 2015. L-appellat Christopher Galea jinsisti li huwa qatt ma ffirma dik id-dikjarazzjoni u li l-firma mihijiex tieghu w'ghalhekk issottometta appell quddiem l-arbitru. Kif gie suespost, l-arbitru laqa' l-appell ta' Christpher Galea u ordna lid-Dipartiment sabiex ivarja d-decizjoni tieghu.

Il-Qorti rat li din id-decizjoni nghatat wara li Christopher Galea u wkoll l-Avukat tieghu nsistew mal-arbtiru li Chistopher Galea qatt ma ffirma d-dikjarazzjoni in kwistjoni u l-Avukat ivverbalizza li huwa kien ta parir lil Christopher Galea sabiex ma jiffirmax. Inghatat ukoll wara li sahansitra tqabbad espert kaligrafiku sabiex jezamina l-firma ta' Christopher Galea li izda jirrizulta mir-rapport tieghu li ma setax jasal ghall-konkluzjoni jekk il-firma fuq il-formola in kwistjoni kinitx ta' Christopher Galea jew le. Rinfaccjat b'dan kollu l-arbitru fid-decizjoni tieghu qies li mill-assjem tal-provi huwa kien qed jemmen il-verzjoni ta' Christopher Galea li ma kienx hu li ffirma d-dikjarazzjoni in kwistjoni w'ghalhekk laqa' l-appell tieghu. Dan nonostante li d-Dipartiment kien ressaq bhala xhud lil certa Stephanie Pace li l-firma taghha tidher fuq il-formola datata 4 ta' Settembru, 2015 u li xehdet li d-dokument kien gie ffirmat quddiemha miz-zewg genituri nkluz l-appellat izda fi granet differenti.

**6. Talba sfilz affidavits**

Illi f'dan l-istadju l-Qorti taghmel referenza ghall-verbal datat 14 ta'

Gunju, 2016, fejn dak in-nhar ukoll il-partijiet trattaw l-appell u gie differit ghal-lum, li permezz tieghu d-Direttur appellanti talab l-isfilz ta' zewg affidavits esebiti mar-risposta tal-appellat esebiti fl-atti tal-appella fol. 27 u 28 stante li l-prezentata taghhom ma gietx awtorizzata mill-Qorti. Bhala risposta l-Avukat tal-appellat sahaq li dawn gew prezentati stante li quddiem l-arbitru kemm l-appellat kif ukoll l-Avukat kienu xehdu. Fil-fatt jirrizulta mill-verbali quddiem l-Arbitru li dawn kienu xehdu tant li ttiehdet nota ta' dak li kien giet dikjarat minnhom.

Dwar dan l-punt il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Korporazzjoni Enemalta -vs- V & C Contractors Ltd.** deciza mill-Qorti tal-Appell nhar it-22 ta' Jannar, 2010 fejn inghad:

> "In linea ta' principju generali hu accettat illi d-disponibilita' u l-produzzjoni tal-provi, sija testimonjali, sija dokumentali, hu mholli fl-inizzjattiva tal-partijiet fil-litigju, u, anzi, hu in virtu' ta' dan il-principju u tal-provi proposti li l-gudikant jibbaza finalment id-decizjoni tieghu. Taht dan l-aspett hi sew nutrita certa gurisprudenza tal-Qrati taghna li trid u tghid illi meta prova dokumentali ma tingiebx fl-ewwel istanza u fiz-zmien li kellha titressaq mhux permissibbli l-produzzjoni taghha fl-istadju ta' appell mis-sentenza. Ara, fost ohrajn, **Carmela Zammit -vs- Salvatore Mifsud**, Appell Inferjuri, 20.033.1954 u **Sac. Michele Zammit -vs- Parr. A. Tabone et** Appell Civili, 12.12.1919."

Fid-dawl ta' dan l-insenjament u stante li l-Qorti m'awtorizzat l-ebda prezentata ta' affidavits fl-istadju ta' Appell, il-Qorti tqis li t-talba tad-

Direttur ghall-isfilz tal-affidavits in kwistjoni hija gjustifikata u ghalhekk tordna l-isfilz taghhom.

**7. L-Ewwel Aggravju**

Illi fl-ewwel aggravju tieghu d-Direttur appellant isostni li l-fatti tal-kaz jiggustifikaw evalwazzjoni mill-gdid tal-provi mressqa quddiem l-arbitru. F'dan l-aggravju d-Direttur appellant isostni li l-arbitru kellu jaghti aktar importanza x-xhieda ta' Stephanie Pace li esebiet dokument mill-computer (fl-atti) fejn huwa ndikat li Christopher Galea ffirma d-dokument datat 4 ta' Settembru, 2015 u xehdet ukoll quddiem l-arbitru li z-zewg genituri kienu ffirmaw quddiema imma mhux fl-istess gurnata. Id-Direttur isostni wkoll li din ix-xhud xehedet illi kieku ma ffirmawx quddiemha kienet taghmel nota u titlob kopja tal-karta tal-identita

Illi l-Qorti rat il-verbal tal-1 ta' Frar, 2018 fejn gie mnizzel li Stephanie Pace, Acting Manager fl-Ufficcju Distrettwali tal-Birgu xehdet bil-gurament kif isegwi:

*'it-tnejn li huma ffirmaw imma mhux fl-istess gurnata; li fil-11 ta' Settembru 2015, applikat il-beneficjarja; li d-dikjarazzjoni originali ntbaghtet lis-sezzjoni tal-Allowance tat-Tfal u kopja ntbaghtet fil-file tal-mara flimkien ma' kopja tal-passaport. Ix-xhud spjegat li meta ma jiffirmawx quddiemha, taghmel nota flimkien ma' kopja tal-Karta tal-identita'. Fuq mistoqsija, ix-xhud tghid li l-appellant wahdu mar jiffirma, ma tafx li gie mal-Avukat. Ix-xhud tghid li mar wahdu fil-11 ta' Settembru 2015 fit-8.58a.m. Ix-xhud esebiet dokument immarkat bhala dok SP 1.'*

Illi ghalhekk mis-suespost jirrizulta lil din il-Qorti li skont id-Direttur l-appellat Christopher Grima fl-istess gurnata li huwa ntavola t-talba

sabiex ic-'children's allowance' jithallas lilu huwa wkoll iffirma dikjarazzjoni li l-kura u l-kustodja kienet ta' martu cioe' nhar il-11 ta' Settembru, 2015. Il-Qorti rat id-dokumenti A u B esebiti fl-atti tal-arbitru u minn dawn id-dokumenti jirrizulta li fuq it-tnejn hemm timbru bl-istess data u cioe' dik tal-11 ta' Settembru, 2015 w'ghalhekk huwa gjustifikat dak li jsostni d-Direttur li kien sahansitra l-appellat li pprezenta mal-applikazzjoni tieghu kopja tad-dikjarazzjoni datata 4 ta' Settembru, 2015 ffirmata minnu. Il-Qorti tirrileva wkoll li waqt it-trattazzjoni quddiemha l-appellat ma cahadx li huwa kien esebixxa dawn iz-zewg dokumenti f'daqqa nhar il-11 ta' Settembru, 2015. Dan neccessarjament ifisser li l-appellat kellu gia a disposizzjoni tieghu kopja ffirmata allegatament minnu tad-dokument 'B' datat 4 ta' Settembru, 2015 nhar il-11 ta' Settembru, 2015 u ma kellu l-ebda esitazzjoni jesebih mal-applikazzjoni tieghu. Jirrizulta li kien biss meta t-talba tieghu giet michuda li qamet il-kwistjoni dwar il-firma tieghu fid-dokument datat 4 ta' Settembru, 2015.

Il-Qorti rat ukoll li fir-rapport tieghu l-espert kaligrafiku mqabbad mill-arbitru Dr. Martin Bajada, ghalkemm fl-atti kien hemm esebiti zewg applikazzjonijiet cioe' dik tal-11 ta' Settembru, 2015 li ma hemmx kontestazzjoni li giet iffirmata minn Christopher Galea u dik tal-4 ta' Settembru, 2015 (cioe' il-kopja taghha annessa mal-applikazzjoni tal-istess Christopher Galea datata 11 ta' Settembru, 2015) huwa nghata l-inkarigu jqabbel il-firma tal-4 ta' Settembru, 2015 ma' dokument iehor u cioe' affidavit datat 23 ta' Gunju, 2015 filwaqt li l-firma ta' Christpher Galea fuq id-dokument cioe' applikazzjoni datata 11 ta' Settembru, 2015 ma nghatatx importanza. Fil-fatt huwa jghid li ha kampjun ta' ghaxar firem li fl-ghajn huma differenti hafna mill-firma allegatament ta' Christopher

Galea fuq id-dikjarazzjoni datata 4 ta' Settembru, 2015 u dik tal-affidavit datat 23 ta' Gunju, 2015. Il-Qorti ghalhekk tifhem il-perplessita u l-inkonkluzjoni fir-rapport tal-espert kaligrafiku.

Izda din il-Qorti ma tistax ma tqabbilx hi stess il-firma tal-appellant fl-applikazzjoni datata 11 ta' Setteembru, 2015 li *ex admissis* hija ffirmata mill-appellat (dok A) mal-firma allegatament ukoll tieghu fid-dikajarazzjoni datata 4 ta' Settembru, 2015 u tinnota li **l-firem huma identici.** Dan ghall-kuntrarju tas-'samples' moghtija mill-appellat lill-espert tliet snin wara (2018). Tenut kont tal-fatt li l-firem huma identici flimkien max-xhieda bil-gurament ta' Stephanie Pace (li hija xhud kompletament estranea mill-partijiet) li l-firma fuq id-dikjarazzjoni li ggib id-data 4 ta' Settembru, 2015 saret mill-appellat quddiemha nhar il-11 ta' Settembru, 2015 din il-Qorti ma ghandha l-ebda dubju li z-zewg firem kemm fl-applikazzjoni tal-11 ta' Settembru, 2019 u dik fid-dikjarazzjoni datata 4 ta' Settembru, 2015 saru mill-appellat Christopher Galea u mhux kif qed jallega l-appellat. Anzi l-Qorti tqis li s-'samples' moghtija minnu lill-espert tekniku kienu tentattiv car u palasi da parti tal-appellat sabiex jisvija lill-istess espert fl-inkarigu tieghu u dan stante li lanqas fl-affidavit li mieghu saret komparazzjoni tal-firma ma hemm il-waqfa fil-firma li tidher fis-'samples'.

Din il-Qorti ghaldaqstant in vista tal-konsiderazzjonijiet kollha suesposti tqis li l-appell odjern huwa kaz car fejn l-arbitru ghamel apprezzament hazin tal-provi kollha mressqa quddiemu stante li dawn kellhom iwassluh ghall-konvinciment li l-firma fuq id-dikjarazzjoni hija fil-fatt ta' Christopher Galea u mhux bil-kontra. Din il-Qorti zzid li in vista tal-provi

mressqa huwa car li Christopher Galea kien qed jaghmel minn kollox sabiex jizvija lid-Direttur appellat, lill-espert u lill-arbitru dwar min verament iffirma d-dikjarazzjoni tal-4 ta' Settembru, 2015. Ir-raguni ghalfejn l-appellat ghazel li jiffirma z-zewg d-dokumenti evidentement kontradittorji ghal xulxin jafha hu biss izda din il-Qorti mhix qeghdha hawn sabiex tiggustifika l-gideb u l-ingann tal-appellat fl-isforz tieghu sabiex jahbi l-izball tieghu.

Ghaldaqstant il-Qort ser tghaddi sabiex tilqa' l-ewwel aggravju tad-Direttur appellant.

**8. Tieni Aggravju**

Illi din il-Qorti in vista tal-konkluzjonijiet taghha dwar l-ewwel aggravju tal-appellant tqis li ma ghandhiex ghalfejn tinoltra ruhha oltre fit-tieni aggravju li jqajjem in-'nuqqas ta' motivazzjoni adegwata fis-sentenza tal-abritru' u dan stante li abbazi tal-konkluzjoni taghha fl-ewwel aggravju xorta wahda l-Qorti ser tghaddi sabiex tilqa' l-appell u thassar id-decizjoni tal-Arbitru appellata.

**Decizjoni**

**Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti, din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' w'tiddeciedi dan l-appell billi filwaqt li tilqa' l-ewwel aggravju tad-Direttur appellanti tghaddi sabiex tirrevoka u tannulla s-sentenza moghtija mill-Arbitru nhar il-31 ta' Ottubru 2018 u**

**tikkonferma d-decizjoni tad-Direttur tas-Sigurta' Socjali kontra Christopher Galea datata 25 ta' Novembru, 2015.**

**Bl-ispejjez kollha taz-zewg istanzi kontra l-appellat.**

(ft.) **Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**Imhallef**

**(ft.) Maureen Xuereb**
**Deputat Registratur**

**Vera kopja**

**D/Registratur**